Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 16/2010/1

**Edward sive Eddie Balzan**
**(appellat)**

**Vs**

**Rainbowmix Concrete Limited**
**(appellanti)**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz ta' Avviż ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2010 minn Edward sive Eddie Balzan fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), is-soċjetà Rainbowmix Concrete Limited ġiet intimata biex tiddikjara għaliex m' għandiex tkun kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' għaxart elef seba mija u tmenin Euro u ħdax-il ċenteżmu (€10,788.11) rappreżentanti in kwantu għal għaxart elef sitt mija tnejn u ħamsin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€10,652.42) bilanċ ta' prezz ta' varji servizzi rezi lill-imsemmija soċjetà fuq inkarigu tagħha, fosthom is-servizzi ta' *project management*, *quality surveying* u *land surveying*, inkluż il-VAT, u in kwantu għal mija ħamsa u għoxrin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€125.69) spejjeż inkorsi minnu fl-espletazzjoni ta' tali servizzi, bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta' Jannar 2010, id-data tal-prezentata ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-soċjetà Rainbowmix Concrete Limited, sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, kontra s-soċjetà Rainbowmix Concrete Limited;

2. Permezz ta' tweġiba[1] ppreżentata fit-12 ta' Frar 2010 is-soċjetà konvenuta wieġbet illi: (i) l-ammont reklamat mill-attur huwa eċċessiv, esorbitanti u mhux dovut; u (ii) l-attur għandu fil-pussess tiegħu apparat li huwa proprjetà tagħha mingħajr il-kunsens jew permess tagħha, fosthom *laser range meter* tad-ditta "Hilti" kif ukoll *digital camera* tad-ditta "Sony", li flimkien għandhom valur komplessiv ta' €2,608, liema valur għandu jiġi

[1] Fol. 9.

imnaqqas minn kwalunkwe somma verjuri li l-Qorti tista' tiddikjara li hija minnha dovuta lill-attur;

3. Flimkien mar-risposta tagħha, il-konvenuta ppreżentat ukoll is-segwenti kontro-talba:

> *'Illi l-attur huwa debitur tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro (€11,646), somma bonarjament ridotta minn ammont ferm akbar, rappreżentanti l-prezz ta' ħażna ossia warehousing ta' inġenji u vetturi inter alia żewġ (2) trakkijiet, tower crane, scaffolding u gaffa ġewwa Wied Inċita, Rabat Road, Attard, liema inġenji is-soċjetà konvenuta ħażnet fil-proprjetà tagħha fuq it-talba u għal benefiċċju tal-attur, minn Awissu tas-sena 2001 sallum.';*[2]

4. L-attur wieġeb[3] għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta permezz tas-segwenti eċċezzjonijiet: (i) it-talba rikonvenzjonali avvanzata mis-soċjetà konvenuta hija proċeduralment insostenibbli stante li ma jeżistux iċ-ċirkostanzi kontemplati mill-Artikolu 396 et sequitur tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) is-soċjetà konvenuta għandha tipprova li hija s-sid ta' l-art li fiha jinsabu l-inġenji imsemmija fit-talba rikonvenzjonali tagħha; (iii) it-talba rikonvenzjonali hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(ċ) u/jew (f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) qatt ma kien miftiehem li kellu jiġi mwettaq xi forma ta' ħlas ossija korrispettiv għat-tqegħid ta' l-inġenji, tant illi l-ewwel darba li saret talba għall-ħlas kien biss mal-preżentata tat-talba rikonvenzjonali. It-talba rikonvenzjonali għalhekk hija tentattiv da parte tas-soċjetà konvenuta biex ixxejjen it-talba leġittima u ġustifikata tiegħu sabiex tħallas l-ammonti minnu pretiżi;

5. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet il-każ billi:

> '1. *Filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta għat-talba attriċi, tilqa' l-istess talba attriċi u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €10,768.13, bl-imgħax legali dekoribbli mit-8 ta' Jannar 2010 (id-data tal-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta) sad-data ta' l-effettivpagament;*
>
> 2. *Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari ta' l-attur għall-Kontro-Talba tas-soċjetà konvenuta u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u tielet eċċezzjonijiet sollevati minnu iżda tilqa' r-raba' eċezzjoni sollevata mill-attur għall-Kontro-Talba tas-soċjetà konvenuta; u*

---

[2] Fol. 10.
[3] Fol. 11.

*3. Konsegwentement tiċħad il-Kontro-Talba tas-soċjetà konvenuta fil-konfront ta' l-attur.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat fit-8 ta' Jannar 2010, għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà konvenuta.'*

6. Minn din is-sentenza appellat is-soċjetà konvenuta. L-aggravju tagħha huwa li l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha hija aktar verosimili u kredibbli minn dik tal-appellat, b' dan illi:

**I.** Dwar **it-talba attriċi**, l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi illi:

i. mill-kumpless tal-provi li ġew prodotti mill-kontendenti f' dan ir-rigward, għandu jirriżulta ċar u manifest illi nhar id-9 ta' Jannar 2008, kienet biss is-somma ta' **€2,000** li kienet dovuta minnha lill-appellat, u mhux dik ta' €5,108.92 kif vantat mill-appellat;

ii. l-ammont dovut minnha lill-appellat sad-19 ta' Mejju 2009 huwa dak ta' **€4,588.22** billi s-somma ta' €1,326.27 reklamata mill-appellat għall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu 2009 sat-19 ta' Mejju 2009 għandha tiġi eskluża inkwantu mhux pruvata;

iii. is-somma ta' **€995.31** reklamata mill-appellat in konnessjoni ma' spejjeż li allegatament inkorra l-istess appellat matul l-2008 u l-2009 ma kelliex titqies pruvata;

iv. lanqas saret prova li s-somma ta' **€125.69** reklamata bħala spejjeż għat-telefonati kienet ġiet inkorsa mill-appellat in konnessjoni mas-servizzi li huwa kien jippresta lill-appellanti;

v. mill-ammont realment dovut fl-ammont ta' €4,588.22 għandu jitnaqqas pagament ta' €1,000 li l-appellanti kienet għamlet fil-15 ta' Lulju 2009, biex b'hekk jifdal il-bilanċ ta' **€3,588.22** dovut minnha lill-appellat;

vi. is-somma ta' **€2,608** rappreżentanti l-valur ta' *laser range meter* u *digital camera* għandha titnaqqas minn dak dovut minnha lill-appellat sabiex b' hekk il-bilanċ finali minnha dovut lill-appellat jammonta limitatament għal **€980.22**;

**Għalhekk, l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' €980.22 u mhux f' dik mitluba ta' €10,768.13**;

**II.** **<u>It-talba rikonvenzjonali</u>** kellha tiġi milqugħa stante li l-ħażna ta' diversi inġenji u vetturi proprjetà tal-attur fil-barriera proprjetà tagħha minn Awissu 2001 sal-preżent ma kienx jammonta għal depożitu volontarju u għandha titħallas għalih;

7. Fid-29 ta' Novembru 2017 l-appellat wieġeb li din il-Qorti m'għandiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti u għandi tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. Din il-Qorti kemm il-darba tenniet li:

> '*Huwa paċifiku li* ***f'materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi****, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimetni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" –* ***Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai****, Appell Ċivili, 14.01.1993.*[4]

9. Madanakollu l-ġurisprudenza tipprovdi ukoll illi:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b'dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" -* ***"Joseph Walker nomine***

---

[4] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.12.2003.

***-vs- Raymond Pizzuto***"*, Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u* "***Emily Stivala et -vs- George Pace***"*, Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*[5]

10. Dan ifisser illi:

> *'... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti* ***ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta****, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*[6]

11. Permezz tal-**ewwel aggravju** tagħha, l-appellanti tibda tikkontendi li Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba attriċi limitatament fis-somma ta' €980.22 u mhux is-somma mitluba ta' €10,768.13 fl-intier tagħha għar-raġunijiet segwenti:

    i. <u>il-bilanċ dovut sad-9 ta' Jannar 2008</u>:

    L-appellanti tisħaq li mill-kumpless tal-provi għandu jirriżulta ċar u manifest illi nhar id-9 ta' Jannar 2008, is-somma dovuta minnha lill-appellat kienet biss ta' **€2,000**, u mhux €5,108.92 kif jippretendi l-appellat. Tgħid li d-differenza tikkonsisti għal xogħol li l-appellat kien għamel għal *joint venture* bejnha u l-kumpannija G&P Borg Limited u għal dak ix-xogħol kellu jitħallas direttament mill-imsemmija *joint venture*. Għalhekk ma tistax tifhem il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li dan l-ammont huwa dovut minnha ladarba kien l-appellat stess li ammetta li dawn is-servizzi kienu ġew mogħtija lil *joint venture.* Tgħid li dan huwa korraborat minn ftehim li kien ġie ffirmat bejn Marc Aquilina u l-appellat li kopja tiegħu qegħda a fol. 150 tal-proċess. Minkejja li fil-kopja tal-istess dokument eżebita mill-appellat a fol. 101 m'hemmx il-firma tal-attur u ma jidhirx it-tnaqqis relattiv għas-servizzi reżi mill-appellat lill-*joint venture*, mill-kumpless tal-provi għandu jirriżulta li l-kopja tal-oriġinal, li ħadd mill-partijiet ma ppreżenta, hija dik eżebita minnha. Provi li skont l-appellanti jikkoraboraw it-teżi tagħha huma: (i) id-depożizzjoni ta' Alfred Ciantar li xehed li skont ir-*records* tiegħu l-ammont dovut lill-appellat fid-9 ta' Jannar 2008 kien ta' €2,000; u (ii) l-irċevuta eżebita bħala '**Dok AS2**' ta' meta sar il-ħlas ta' €1,500 li turi li l-bilanċ rimanenti huwa ta' €2,000.

    **Dan l-aggravju ma jreġix, la fattwalment u tant anqas legalment**.

---

[5] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004.
[6] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004.

Mill-aspett purament fattwali hemm qbil li t-*timesheet* immarkata '**Dok 28**' li tinsab a fol. 66 sa 71 tal-proċess li turi bilanċ ta' Lm1,303.57 (€3,036.50) tirreferi għal servizzi reżi lil *joint venture*. Iżda filwaqt li l-appellanti tikkontendi li l-pagament relattiv għandu jitħallas mill-*joint venture* innifisha, l-appellat jisħaq li l-pagamenti dejjem irċevihom mingħand Marc Aquilina.

Jirriżulta li d-dokument a fol. 101 u 150 ġie oriġinajament redatt mill-attur illum appellat sabiex jindika lill-appellanti dak li kien għadu dovut lill-appellat sa dak iż-żmien. L-appellat jgħid li imbagħad Mark Aquilina ħażżeż bil-lapis fuq l-istess dokument u '*irranġa l-kont kif deherlu hu*'[7] u naqqas l-ammont li jgħid li ma kienx tħallas minn GP Borg. Iżda l-appellat jikkontendi li ma kienx hemm ftehim li għandu jsir tnaqqis. Min-naħa l-oħra l-appellanti tikkontendi li l-appellat qabel li għandu jsir dan it-tnaqqis tant li ffirma għalih kif jidher mill-verżjoni tal-istess dokument eżebita minnha a fol. 150.

Il-verżjoni oriġinali ta' dawn id-dokumenti ma ġietx eżebita. Fiż-żewġ verżjonijiet jinsab rendikont ta' '*Travelling Expenses 07*' u flimkien mat-total ta' dawn l-ispejjeż ġew miżjuda '*salaries due to me*' sabiex fl-aħħar ġie indikat '*Total Due*'. Jidher li fil-verżjoni a fol. 101 ġie korrett żball matematiku marġinali. Fiż-żewġ dokumenti jidher li taħt dawn il-konteġġi, b' kitba aktar ċara u **kaligrafija differenti**, sar tnaqqis ta' Lm1303.57 relattiv għal '*G&P Borg*'. Id-differenza bejn iż-żewġ dokumenti qegħda fil-fatt li:

- fil-verżjoni a fol. 150, fil-qiegħ tal-paġna u fuq il-lemin tal-konteġġi addizzjonali li permezz tagħhom sar tnaqqis ta' Lm1303.57 tidher il-firma allegatament tal-appellat. Taħt il-firma ġie mniżżel bilanċ ta' €3,500. Il-konteġġi jkomplu fuq il-paġna ta' wara a fol. 151 fejn ġie indikat tnaqqis ta' €1,500 mill-ammont ta' €3,500 u bilanċ finali '*as at 9/01/2008*' ta' €2,000;

- filwaqt li a fol. 101 fl-ispazju fejn fil-verzjoni l-oħra hemm il-firma tal-appellant hemm miktub '*do not agree as GP Borg said that he always paid in full*' u taħt hemm il-kliem '*Paid only €1500 on 9/1/08 Lm643.77*';

L-appellat xehed li huwa qatt ma ffirma d-dokument a fol.150 minkejja li l-firma fuqu hija tiegħu. In *kontro-eżami* xehed li '*id-dokument li*

[7] Fol. 98.

*esebejt Dok. ED1 mhuwiex emendat bl-ebda mod. Anzi jiena ngħid li dokument AS1 li għandu l-firma tiegħi super imposed fuqu.';*

Din il-Qorti ma tista' qatt tasal tilqa' dan l-aggravju u tħassar is-sentenza appellata a bażi tad-dokument a fol. 150 għas-segwenti raġunijiet:

- id-dokument m'huwiex oriġinali;
- fuqu hemm il-kitba ta' aktar minn persuna waħda;
- mhemmx bażi biex tasal għall-konklużjoni li d-dokument kien ġie ffirmat mill-appellat meta jew wara li nkiteb *"less G & P Borg (€1,303.57)";*

Lanqas id-depożizzjoni ta' Alfred Ciantar ma ssaħħaħ it-teżi tal-appellanti ladarba huwa ma kienx preżenti meta saret il-laqgħa bejn Marc Aquilina u l-appellat. Filfatt, huwa beda jaħdem mal-appellanti fl-2008 u l-bilanċi li huwa jixhed dwarhom jirreferu unikament għal '*kopja tal-ftehim'* li kien għaddielu Marc Aquilina.

Irriżulta ukoll mill-kontro-eżami ta' Marc Aquilina stess, li l-kliem '*balance due €2000'* fuq l-irċevuta eżebita bħala '**Dok AS2**' a fol. 161A taħt il-firma tal-attur m'hijiex il-kalligrafija tal-attur iżda x'aktarx sar mill-*accounts department* tal-appellanti.

Għaldaqstant l-appellanti ma taqbilx li a bażi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti kellha bilfors tasal biex tikkonkludi li l-verżjoni tal-appellanti hi l-verita'.

F' kull każ u *dato ma non concesso* u biss għall grazzja tal-argument li kien hemm ftehim li l-Lm1,303.57 kellhom jitħallsu mill-'*joint venture'* dan l-aggravju jibqa' f'kull każ legalment insostenibbli. Dan in kwantu minn imkien ma jirriżulta li l-imsemmija *joint venture* hija xi persuna ġuridika distinta. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, iż-żewġ soċjetajiet membri jibqgħu responsabbli għad-djun tal-imsemmija *joint venture* solidament bejniethom.[8] Lanqas ma jirriżulta li kien sar ftehim *ad hoc* li l-appellat kellu jitħallas direttament mis-soċjetà l-oħra f'din il-*joint venture.* Għalhekk, is-soċjetà appellanti, li *ex admissis* hija sieħba fl-imsemmija *joint venture*, tibqa' responsabbli għall-ħlas lill-appellat tas-servizzi reżi għajr għall-jedd tagħha li tirkupra l-istess mis-soċjetà mħsieħba magħha jekk ikun il-każ;

---

[8] Artiklu 115 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. l-ammont dovut lill-appellat sad-19 ta' Mejju 2009:

L-appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-ammont minnha dovut lill-appellat sad-19 ta' Mejju 2009 huwa dak ta' **€4,588.22** billi s-somma ta' €1,326.27 reklamata mill-appellat għall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu 2009 sat-19 ta' Mejju 2009 kellha tiġi eskluża inkwantu mhux pruvata. Tilmenta illi t-*time sheets* relattivi għal dawn il-perjodi qatt ma ngħataw u qatt ma kienet intalbet tħallas dawn l-ammonti qabel il-preżentata tal-proċeduri odjerni. Tgħid li ma tafx dwar x'hiex jirreferu dawn ix-xogħlijiet u li kollha huma *time sheets tal-kumpannija Sand & Gravel Limited u mhux tal-ħaddiema tal-kumpannija tagħha;*

Dan l-aggravju hu wkoll infondat:

- il-maġġoranza tat-*time sheets*, inkluż dawk aċċettati mill-appellanti, huma intestati '*Sand & Gravel*';
- fl-ittra mibgħuta lill-appellanti fis-16 ta' Novembru 2009,[9] ossija qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, tali ammonti ġew indikati u allura mhux minnu li l-ewwel darba li ntalbu dawn l-ammonti kien waqt il-kawża;
- rinfaċċat bin-nota tal-appellanti a fol. 95-96 tal-proċess fejn, fost affarijiet oħra, ġew kontestati dawn it-*timesheets*, l-appellat ippreżenta affidavit ulterjuri u sabiex jissostanzja l-pretiża tiegħu saħansitra ppreżenta kopja tad-djarju tiegħu fejn hemm imniżżel ix-xogħol li agħmel;
- in kontro-eżami, l-appellat fl-ebda ħin ma ġie rinfaċċat bil-kontenut tal-imsemmija *time sheets.* Saret referenza biss għat-*time sheets* a fol. 72 u 75 li jirrelataw iżda għall-perjodu preċedenti.[10] Mandankollu, wkoll f'każ li r-referenza għall-impaġnar hija ħażina u kienet qed issir referenza għat-*time sheets* a fol. 76 u 77 tal-proċess, l-uniċi domandi li saru kienu dwar ix-xogħol li l-appellat għamel mid-dar u filwaqt li huwa spjega sodisfaċentement għal din il-ħtieġa, fl-ebda waqt ma ġie mistoqsi dwar xogħol ieħor fil-postijiet indikati fit-*time*

[9] Fol. 18.
[10] Fol. 159.

*sheets* u d-djarju minnu eżebiti. Jekk l-appellanti riedet verament tikkontesta dawn l-*entries* kellha tagħmel hekk b'mod konkret in kontro-eżami. Fin-nuqqas, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset dawn l-ammonti pruvati;

iii. <u>is-somma ta' **€995.31** reklamata mill-appellat in konnessjoni ma' spejjeż li allegatament agħmel matul is-snin 2008 u 2009</u>:

Jirriżulta li l-attur ippreżenta mhux biss rendikont ta' dawn l-ispejjeż iżda wkoll l-irċevuti relattivi. Madanakollu, l-appellanti tikkontendi li l-attur qatt ma kellu dritt jirkupra l-ispejjeż li jissemmew f'**Dok 35** a fol.78 sa 92 tal-proċess, għajr dak għall-*fuel* u l-*wear and tear* tal-vettura tiegħu dment li: (i) ssir prova li dawn l-ispejjeż kienu relatati mas-servizzi reżi lilha u; (ii) f' kull każ, entro l-massimu ta' €23.29 fix-xahar għall-*fuel* u €23.29 fix-xahar għall-*wear and tear*. Tgħid li huwa la ressaq prova li l-ispejjeż reklamati kienu relatati mas-servizzi reżi lilha u lanqas li l-eċċess tal-limitu pattiwit kien ġie debitament awtorizzat. Għalhekk, ma kellhomx jitqiesu ppruvati mill-Ewwel Qorti;

L-Ewwel Qorti deherilha li l-verżjoni ta' Marc Aquilina u s-soċjeta konvenuta llum appellanti mhumiex kredibbli in kwantu:

> *' ... il-Qorti ma ssib ebda riskontru ta' verità f'dak affermat minn Marc Aquilina u mis-soċjetà konvenuta u dana billi: (i) fl-ewwel lok, filwaqt li fl-affidavit tieghu Marc Aquilina jghid li l-ftehim sar peress illi l-attur maz-zmien talab li jithallas ta' certa spejjez ukoll oltre ghas-servizzi prestati, in kontro-ezami ta versjoni differenti u ddikjara li dan il-ftehim kien necessarju peress illi kien hemm disgwidi bejn l-accounts department tal-kumpannija u l-attur dwar xi hlasijiet kellhom jigu effettwati lilu; (ii) fit-tieni lok, ghalkemm is-socjetà konvenuta u Marc Aquilina jishu li d-dokument Dok. MC1 kien il-ftehim ma' l-attur, dan id-dokument bl-ebda mod ma jista' jitqies li jikkostitwixxi ftehim veru u proprio u dan ghar-raguni li ma fihx il-firma ta' l-attur izda fih biss firma ta' Marc Aquilina. Sia jekk dan id-dokument gie redatt biex tigi kristalizzata talba ta' l-attur u iktar u iktar jekk gie redatt biex jigu risolti disgwidi bejn l-attur u s-socjetà konvenuta dwar it-talbiet ghall-hlas u refuzjoni li kien qed jaghmel, logikament u guridikament huwa mistenni li dak id-dokument jigi ffirmat minn entrambe l-partijiet biex ikun ghal kollox vinkolanti.*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk hija iktar verosimili l-versjoni moghtija mill-attur u cioè li ma' Emanuel Aquilina, li kien il-persuna li ghan-nom tas-socjetà konvenuta kien inkariga lill-attur biex jippresta s-servizzi tieghu, il-ftehim kien li kelli nithallas bir-rata ta' €11.29 fis-siegha (eskluz il-VAT), b'dana illi kelli nigi rimborsat ukoll tas-segwenti spejjez li kont nidhol*

*fihom sabiex inwettaq l-imsemmi xoghol: fuel, kiri ta' vettura, hsarat fil-vettura, spejjez ta' servicing tal-vettura tieghi u telephone calls.*[11]

Fil-parti tax-xhieda tal-appellat appena ċitata mill-Ewwel Qorti, huwa l-attur stess li jammetti li r-rimbors ta' fuel, kiri ta' vettura, ħsarat fil-vettura, spejjeż ta' *servicing* tal-vettura tieħu u telephone calls kien limitat għal '*spejjeż li kont nidħol fihom* ***<u>sabiex inwettaq l-imsemmi xogħol</u>***'.[12]

In kontro-eżami, l-attur jgħid:

> '*Fil-fatt id-diskors sar li jew niġi rimborsat għal din il-maintenance u fuel jew inkella ningħata korozza mingħandhom. Il-karozza dejjem ġejja iżda ma waslet qatt, allura li kont nagħmel kien li jekk indaħħal il-vettura għall-maintenance u nagħtihom il-kontijiet biex jiena nitħallas fir-rigward tal-fuel kont nagħtihom l-irċevuti darba fil-ġimgħa l-istess biex jien inkun nista' nitħallas. L-irċevuti li jiena kont ngħaddilhom għall-fuel kien* ***<u>għall-fuel kollu</u> li kont nuża iġifieri anké meta kien ikolli qadjiet tiegħi personali u mhux relatati max-xogħol li kelli nagħamillhom***'. Qal ukoll, '*mistoqsi jekk il-ftehim kienx li s-***servicing kollu** *li jkollha bżonn din il-karozza mhuwiex biss relatat għal skopijiet ta' xogħol jitħallasx minn Rainbow Mix, jiena nikkonferma li fil-fatt il-ftehim kien f'dan is-sens. Fejn kienet tidħol il-vettura, fuq dan il-ftehim ma kellniex forma ta' budget mas-soċjetà Rainbow Mix, il-ħsarat kollha u l-ispejjeż kollha in konnessjoni magħha kienu ser iħallsuhom huma.*'[13]

Huwa jgħid ukoll:

> '*Meta Mark kien joġġezzjona għal xi kont li kont ngħaddilu kont infakkru fil-ftehim, fis-sens illi jipprovvduni b'karozza u jiena ma nikklejmjax aktar imbgħad hu meta kont ngħidlu hekk kien iħallasni.*'[14]

<u>Hawnhekk l-attur biddel il-verżjoni rigward l-spejjeż relatati mal-użu tal-vettura tiegħu u jikkontendi li dawn ma kinux limitati għal dawk inkorsi fit-twettieq ta' xogħolu</u>. <u>Fil-fehma tal-qorti meta tqies dak li ngħad hawn fuq, il-verżjoni ta' Aquilina mhijiex kredibbli.</u>

Mill-atti bl-ebda mod ma jista' jiġi determinat safejn l-ispejjeż reklamati kienu relatati max-xogħol li l-appellat kien iwettaq għall-appellanti. L-appellanti tikkontendi li f'kull każ ir-rimbors għal *fuel* huwa limitat għal

[11] Affidavit ta' l-attur, fol. 26 sa' 28 tal-proċess.
[12] Fol.26.
[13] Fol. 152.
[14] Fol. 153.

€23.29 fix-xahar u dak għall-*wear and tear* huwa ukoll limitat għal €23.29 fix-xahar kull waħda.

Mill-provi din il-Qorti hija konvinta li kien x'kien il-ftehim oriġinali, eventwalment l-appellanti wegħdet lill-appellat vettura tal-kumpannija għax-xogħol li kellu jagħmel. Vettura li qatt ma ngħatat lill-attur u kien għalhekk li Marc Aquilina aċċetta li jkopri l-ispejjeż kollha ta' *fuel* u *wear and tear* inkorsi mill-appellant fil-qadi ta' dmirijietu.

Ladarba seħħ tali arranġament bejn il-partijiet, ma jistax jingħad li l-ispejjeż li l-appellanti kienet regolarment tirrifondi lill-appellant in eċċess ta' €23.29 fix-xahar għall-*fuel* u €23.29 fix-xahar għall-*wear and tear* kienu biss *ex gratia*, kif argumentat l-appellanti. Dawn kienu jitħallsu għaliex hekk kien il-ftehim u għalhekk ukoll l-ispejjeż meritu ta' dan l-aggravju, safejn ġew inkorsi mill-appellat fit-twettieq ta' xogħolu, jibqgħu dovuti fl-intier tagħhom.

Meqjus illi:

(i) l-appellat għandu dritt jiġi rifuż l-ammont sħiħ ta' spejjeż li agħmel fl-użu tal-vettura personali tiegħu fil-qadi ta' dmirijietu fil-konfront tal-appellanti;
(ii) l-ammont reklamat jinkludi wkoll spejjeż għall-użu personali tal-imsemmija vettura;
(iii) l-ammont ta' spejjeż inkorsi mill-appellat fit-twettieq ta' xogħolu ma jistax jiġi determinat bi preċiżjoni mill-provi prodotti; iżda
(iv) jirriżulta li xogħol l-appellant kien verament jikkonsisti f'diversi *onsite visits* u li kien juża l-vettura personali tiegħu regolarment għal dan l-iskop;

is-somma dovuta lill-appellat qed tiġi għalhekk ffissata *arbitrio boni viri* f'perċentwal ta' 75% tas-somma reklamata li tammonta għal **€746.48;**

iv. is-somma ta' **€125.69** reklamata bħala spejjeż għat-telefonati:

L-appellanti tikkontendi li hija qatt m'awtorizzat dawn l-ispejjeż;

Fl-affidavit spjegattiv a fol. 99 u 100 tal-proċess, l-appellat xehed:

> *'5.1* ***Huwa minnu li Rainbowmix Concrete Limited kienet tagħtni budget għat-telefonati.*** *Fil-fatt Rainbowmix Concrete Limtied kienet*

*kisbet linja tal-mobile telephone għalija mingħand il-Vodafone Malta Limited, bl-intendiment li l-calls u service charges jiġu mħallsa minnhom.*

*5.2 Dana huwa ikkonfermat fuq id-dokument 36 fejn il-kontijiet ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 sas-6 ta' Mejju 2009 ġew imħallsa minn Rainbowmix Concrete Limited. Jiena qiegħed nitlob li niġi rifuż dak li jiena kelli nħallas bejn l-1 ta' Ġunju 2009 u l-1 ta' Settembru 2009, u dana peress li Rainbowmix Concrete Limited naqset milli tħallashom.*

*5.3 Kif jidher ċar mill-istess statement eżebit bħala Dok. 36, l-ammont tal-kjamati magħmula minni mill-1 ta' Ġunju 2009 'l quddiem kien dejjem fl-istess ilmijiet ta' dak li kien isir qabel dik id-data, u għalhekk Rainbowmix Concrete Limited ma għandha l-ebda skuża sabiex tirrifjuta li tirrifondini.'*

L-allegat 'Dok. 36 ma' jinstabx in atti. Fin-nuqqas ta' din il-prova, il-pretensjoni attriċi għar-rifużjoni ta' dan l-ammont ma setgħetx tintlaqa'.

v. is-somma ta' **€2,608** rappreżentanti l-valur ta' *laser range meter* u *digital camera*:

Skont l-appellanti, din is-somma kellha titnaqqas minn dak dovut minnha lill-appellat sabiex b'hekk, wara t-tnaqqis tal-pagament ta' €1,000 favur l-appellat nhar il-15 ta' Lulju 2009, jibqa' bilanċ finali minnha dovut lill-appellat fl-ammont ta' **€980.22**.

Dan l-aggravju huwa fieragħ. Skont ir-risposta tal-konvenuta, is-somma ta' €2,608 kienet tkopri l-valur komplessiv ta' *laser range meter* tad-ditta Hilti kif ukoll *digital camera* tad-ditta Sony proprjetà tagħha li allegatament l-attur kien żamm fil-pussess tiegħu. Madanakollu, fl-affidavit tiegħu Marc Aquilina jgħid illi '***dwar id-digital camera ikolli ngħid illi wara verifiki illi jien għamilt mal-uffiċini tagħna, irriżultali li din kienet filfatt tħalliet ġewwa l-istess uffiċini*** *mis-sur Balzan'.*[15]

Dwar l-*laser range meter* l-appellanti tinsisti li l-valur huwa dak indikat minnha inkwantu l-istima tal-*laser range meter* maħruġa minn Pantalesco fil-valur ta' €665.00 qatt ma ġiet ikkonfermata u f'kull każ ma titfax dawl fuq il-prezz li ħallset l-appellanti għal dan l-apparat u t-telf li soffriet minħabba n-nuqqas ta' dan l-apparat. Kienet l-appellanti stess li fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2011 ivverbalizzat li '***mhux qed***

[15] Fol. 167.

***tikkontesta l-awtentiċità tad-dokumenti eżebiti a fol 147 u 148*** *tal-proċess u għalhekk mhux qed jinsisti li jittella' rappreżentant ta' Pantelleresco biex jikkonferma l-awtentiċità ta' dan id-dokument'.*[16] L-appellanti lanqas ma kkontestat dak li xehed l-appellat fis-sens li dan il-*laser range meter* kien ingħatala b'xejn meta hija kienet akkwistat apparat ieħor[17] u minn imkien ma jirriżulta li nkorriet xi spejjeż '*sabiex takkwista apparat ieħor simili'.*

Inoltré, fl-affidavit tiegħu Marc Aquilina xehed illi '*jien qatt ma xtaqt illi s-sur Balzan iżomm dan l-apparat billi l-kumpanniji għandhom bżonnu biex jaħdmu bih. Nippreferi għalhekk illi huwa jirritorna l-istess u jitħallas is-somma ta' €3,588.14'.*[18] Min-naħa l-oħra l-appellat xehed illi '*għal dak li jirrigwarda l-laser range meter, nikkonferma li dan huwa tas-soċjetà u jinsab għandi u hekk kif jitħallas dak kollu li huwa dovut lili jiena nkun dispost nirritornah.'* Ladarba l-appellanti tippreferi li l-imsemmi *laser range meter* jiġi rritornat lura lilha u l-appellat huwa dispost jirritornah salv li jitħallas dak dovut lilu, l-pretensjoni tal-appellanti li tiġi kkumpensata l-valur tiegħu hija insostenibbli.

12. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jintlaqa' biss in parte kif ser jingħad:

- fid-9 ta' Jannar 2008 is-somma dovuta mill-appellanti lill-appellat kienet tammonta għal **€5,108.92**;
- is-somma ta' **€1,326.27** hija dovuta lill-appellat għall-perjodu bejn it-30 ta' Marzu 2009 sat-19 ta' Mejju 2009;
- hija dovuta ukoll is-somma ta' **€746.48** rappreżentanti spejjeż inkorsi mill-appellat fit-twettieq ta' xogħolu matul l-2008 u l-2009;

Tenut kont tal-fatt li m'huwiex kontestat li:

- is-somma ta' **€2,588.22** hija dovuta lill-appellat għall-perjodu bejn it-2 ta' Frar 2009 u t-28 ta' Marzu 2009; u
- fil-15 ta' Lulju 2009 l-appellanti effettwat il-ħlas ta' **€1,000**;
- il-VAT bir-rata ta' 18% fuq is-servizzi reżi tammonta għal **€1,624.21**

l-attur appellat huwa effettivament krediur tas-soċjetà appellanti fl-ammont ta' **€10,394.10** liema ammont għandu jitħallas lilu mill-appellanti;

---

[16] Fol. 149.
[17] Fol. 154.
[18] Fol. 166.

13. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti tilmenta ukoll li t-talba rikonvenzjonali kellha tiġi milqugħa stante li l-ħażna ta' diversi inġenji u vetturi proprjetà tal-attur fil-barriera tagħha minn Awissu 2001 sal-preżent ma kienx jammonta għal depożitu volontarju u għandha titħallas għalih;

14. L-Ewwel Qorti għamlet segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward:

> *'Meta x-xhieda ta' l-attur u x-xhieda ta' Marc Aquilina jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici li jirregolaw l-istitut tad-depozitu volontarju – ghaliex fl-ahhar mill-ahhar hawn si tratta ta' depozitu volontarju – jirrizulta li hija iktar kredibbli u versosimili l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur milli kif moghtija minn Marc Aquilina u per konsegwenza mis-socjetà konvenuta.*
>
> *A tenur ta' l-Artikolu 1892(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: id-depozitu hekk proprjament imsejjah huwa kuntratt gratuwitu, bla hsara ta' kull ftehim kuntrarju. Minn dan il-provvediment tal-Ligi huwa ferm evidenti li d-depozitu huwa min-natura tieghu kuntratt gratuwitu u l-kuntrarju jista' jigi ppruvat biss bi prova konkreta u sodisfacenti, prova li fil-kaz in ezami bl-iktar mod assolut ma saritx da parte tas-socjetà konvenuta. In effetti mix-xhieda ta' Marc Aquilina huwa evidenti li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ta' korrispettiv ghall-hazna ta' l-ingenji ta' l-attur da parte tas-socjetà konvenuta u dana b'mod partikolari meta Marc Aquilina jghid li qatt ma giet mifthema ebda rata ghal tali hazna. Apparte minn hekk jirrizulta bic-car li din il-pretensjoni tas-socjetà konvenuta giet avvanzata biss in reazzjoni ghat-talba attrici u fil-fatt Marc Aquilina stess jghid li la l-attur jippretendi li jithallas ghall-ispejjez kollha inkorsi minnu, allura s-socjetà konvenuta ghandha d-dritt tithallas ghall-hazna ta' l-ingenji in kwistjoni. Fattur iehor li juri bic-car li qatt ma kien hemm ftehim ta' hlas ghall-hazna ta' dawn l-ingenji huwa dak li qatt ma saret tpacija bejn dan l-allegat korrispettiv ma' l-ammonti minn zmien ghal zmien imhallsa lill-attur ghas-servizzi pretasti lis-socjetà konvenuta.*
>
> *Detto ciò id-depozitarju ghandu certa drittijiet fir-rigward tad-depozitant anke jekk id-depozitu kien wiehed purament gratuwitu. L-Artikolu 1918 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li d-depozitant ghandu jrodd lid-depozitarju l-hlas ta' l-ispejjez li dan ikun ghamel biex jikkonserva l-haga ddepozitata, u ghandu jikkumpensah tat-telf kollu li jkun gieblu d-depozitu. Naturalment dan il-jedd tad-depozitarju ghandu jkun debitament sorrett bi provi sodisfacenti ossia: (i) li huwa effettivament ghamel spejjez ghall-konservazzjoni tal-haga depozitatata ghandu – prova li fil-kaz in ezami assolutament ma saritx mis-socjetà konvenuta; u (ii) li huwa effettivament sofra telf b'kawza ta' dan id-depozitu – ghalkemm Marc Aquilina jikkontendi li dawn l-ingenji jokkupaw parti sostanzjali tal-barriera tas-socjetà konvenuta huwa xorta wahda ma ressaqx prova sodisfacenti tat-telf li dan id-depozitu seta' ikkawza lill-imsemmija socjetà. Anke r-rata li qed jitlob bhala kumpens ghall-ingombru ta' parti mill-barriera tidher li hija sparata fl-ajru ghaliex is-somma ta' €11,646 ma hijiex l-ammont pretiz fuq medda ta' hames snin (il-hames snin dahlu fix-xena minhabba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur) imma hija l-pretensjoni ghal ben tmien snin u nofs hazna ta' l-ingenji. Il-mod kif Marc Aquilina kkwantifika l-pretensjoni tas-socjetà konvenuta juri bic-car li din l-istess pretensjoni hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Isegwi ghalhekk li l-Kontro-Talba tas-socjetà konvenuta ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.'*

15. Din il-Qorti fliet sew l-atti quddiema u hija tal-fehma illi għal dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-provi, m'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti li l-ewwel qorti kienet żbaljata f'dak li qalet. Lanqas ma jista' jingħad li l-ewwel Qorti skartat xi elementi mportanti tal-provi jew li ma għamlitx ġudizzju xieraq ta' attendibilità u tal-kredibbiltà tax-xhieda.

16. Għalhekk dan l-aggravju hu miċħud.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, tilqa' dan l-appell <u>limitatament</u> sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, u:**

**(i) <u>Tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti</u> fis-sens li t-talba attriċi hi milqugħa limitatament għas-somma ta' €10,394.10, u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma surriferita fl-ammont ta' €10,394.10.**

**(ii) bl-imgħax legali dekoribbli mit-8 ta' Jannar 2010 (id-data tal-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-konfront tas-soċjetà konvenuta) sad-data tal-effettiv pagament.**

**(iii) Għal kumplament tiċħad l-aggravji l-oħra u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti.**

**(iv) L-ispejjez ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat fit-8 ta' Jannar 2010, għandhom jiġu sopportati 95% mis-soċjetà appellanti u 5% mill-appellat.**

Anthony Ellul.